SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-ewwel laqgħa tas-sitt Kunsill li saret nhar it-Tlieta, 3 t'April 2012 fid-9:00 ta' filgħodu fl-uffiċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

*Preżenti:*

| | |
|---|---|
| *Kunsilliera:* | Anthony Formosa |
| | Anthony Cassar |
| | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sinjura Michelina Mercieca bħala l-aktar kunsilliera anzjana.

**2.0 Aċċetazzjoni tal-ħatra ta' Sindku**

2.1 Il-kunsillier Anthony Formosa ġie mistoqsi jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku peress li huwa ġab l-akbar għadd tal-voti mill-partit li kiseb il-maġġoranza fl-elezzjoni. Is-Sur Formosa aċċetta l-kariga u ffirma l-aċċettazzjoni tal-ħatra.

2.2 Il-kunsilliera sħabu ferħulu ta' din il-kariga u s-Segretarja preżentatlu l-*badge* u l-insinja kif mgħoddija mis-Sindku preċedenti s-Sur Noel Formosa.

2.3 Is-Sindku Anthony Formosa rringrazzja lil sħabu l-kunsilliera u wegħdhom kull koperazzjoni u appoġġ f'ħidma kontinwa favor ir-raħal.

**3.0 Aċċetazzjoni tal-ħatra ta' Viċi Sindku**

3.1 Il-kunsillier Anthony Cassar ġie mistoqsi jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku u huwa laqa' din il-kariga. Huwa ffirma l-aċċettazzjoni u preżentaha lis-segretarja tal-Kunsill.

3.2 Il-kunsilliera lkoll ferħulu għal din il-kariga u huwa wkoll wiegħed ħidmitu għal-lokalita' aħjar.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:30 ta' filgħodu u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 11 t'April 2012 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Anthony Formosa
Sindku

Lucienne Haber
Segretarju Eżekuttiv